MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 295/2009

**Frank Borda Limited**
**C-446**

**vs**

**Grixti Carmelo u Grixti Maria Rosaria**
**in solidum bejniethom**
**ID-32056(M) u ID-681453(M) rispettivament**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elf, hames mija u tlieta u hamsin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€1,553.79c) in solidum bejniethom, rapprezentanti import ta' tnax-il kambjala skaduti u mhux imhallsa (Dok. A).

Bl-ispejjez, u bl-interessi mid-data tal-iskadenza ta’ kull kambjala, kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti, li permezz taghha eccepew illi preliminarjament, il-konvenut jikkontendi li l-kambjali annessi u esebiti ma’ l-avviz, m’humiex il-kambjali originali; illi aktar minn hekk, il-kambjali huma neqsin mill-firma tat-traent, u kwindi huma nulli; illi l-kambjali li fuqhom giet impostata l-azzjoni odjerna ma gewx protestati skond il-ligi.

Salvi eccezzjonijiet ohra, inkluz dawk fuq il-mertu.

Semgha x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta’ attrici, u ra d-dokumenti pprezentati minnha, inkluz il-kambjali originali.

Ra li ghalkemm il-konvenuti kkontestaw il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, naqsu milli jidhru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fil-konfront tal-konvenuti, u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, u jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lill- konvenuti, solidalment bejniethom, ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf hames mija tlieta u hamsin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€1,553.79c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------